**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Novembru 2015* *Nru: 390*

Għeżież aħwa, il-Mulej jagħtikom is-sliem!
Fil-jiem li għaddew tħabbar li l-parroċċa tagħna sa jkollha kappillan ġdid. Il-kappillan huwa dak li f'isem Ġesù u f'kollaborazzjoni mal-Arċisqof ikun dejjem preżenti fil-parroċċa jħeġġeġ u jgħin lil kulħadd biex flimkien inkomplu nimxu wara Ġesù u nwasslu l-imħabba u l-ferħ tiegħu lill-oħrajn.



Ninsab kuntent ħafna li l-Mulej sejjaħli fostkom u nirringrazzjakom tal-merħba li qegħdin tagħtuni. Il-bidla tal-kappillan ma tfissirx li dak ta' qabel jieqaf u jinbidel kollox għaliex dak li aħna rridu nimxu warajh – Ġesù – huwa dejjem l-istess u dejjem ġdid. Madanakollu dan il-waqt ta' bidla jrid iservina bħala żmien ta' riflessjoni, evalwazzjoni u programmazzjoni. Qabel nerġgħu naqbdu r-ritmu ta' kuljum nixtieq li flimkien nieqfu naraw fejn aħna, x'sejjer tajjeb u fejn nistgħu nagħmlu pass ieħor 'il quddiem sabiex, fid-dawl tal-imħabba ta'

Ġesù li jagħti ħajtu għalina, nipprogrammaw il-ħajja tal-familja parrokkjali tagħna għall-erba' snin li ġejjin.
Il-kliem ta' Ġesù: *"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"* għandu jdawwal il-mixja tal-familja parrokkjali tagħna. Il-Mulej qed jistedinna niċċelebraw b'mod ħaj il-passjoni, l-mewt u l-qawmien tiegħu u jridna nitgħallmu minnu nagħtu ħajjitna stess għal ħutna b'ħafna ferħ u mħabba.
Ejjew inkunu l-wiċċ tal-imħabba u l-ħniena t'Alla għaliex il-Mulej qed isejjħilna biex nimlew Burmarrad bil-ferħ li hu biss jaf jagħti.

*P. Christian A. Borg OFM Conv.*
*Amministratur Parrokkjali*

✠

## Messaġġ ta' Patri Joseph Mamo fi tmiem il-parrokat tiegħu

Għaddew l-erba' snin f'din il-parroċċa ddedikata lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija bħal ħolma. Mhux biss; imma 16-il sena li ili nservi b'din il-lokalità mill-1999 sal-2003 bħala kappillan ta' San Pawl il-Baħar, mill-2003 sal-2007 kappillan f'Burmarrad, 2007-2011 viċi-kappillan fil-parroċċa tal-Qawra u mill-2011 kappillan ta' Burmarrad. Kienu snin ta' sodisfazzjon: kien hemm mumenti ta' ferħ u oħrajn ta' niket. Perfett ma kontx għaliex Alla l-Imbierek biss hu perfett. Ippruvajt nagħmel ħilti u fejn inqast lil xi ħadd nitolbu jaħfirli. F'dawn is-snin kollha f'din il-lokalità ltqajt ma' kull familja u, b'kuxjenza safja, nista' ngħid li qsamt kemm il-ferħ, kif ukoll in-niket.
Inselli għal kull familja ta' din il-parroċċa u ngħidilkom Grazzi!
Il-Mulej iberikkom u Marija tħariskom. Itolbu għalija!

*P. Joseph Mamo OFM Conv.*

## Grazzi u Merħba

Minn qalbna nirringrazzjaw lill-patrijiet li fl-aħħar erba' snin taw is-servizz tagħhom fil-parroċċa b'mod speċjali lil P. Joseph Mamo u lil P. George Ocar Buttigieg li ħallew il-parroċċa tagħna biex jaqdu f'kunventi oħra.

Nagħtu merħba lill-patrijiet li waslu minn kunventi oħra biex jiffurmaw il-komunità Franġiskana f'Burmarrad. Il-fraternità l-ġdida sa tkun magħmula minn P. Christian Borg, P. Guido Muscat, P. Thomas Calleja u Fra Pietru Quattromani.

   

✠



**Ix-xahar ta' Novembru** jfakkarna f'ħutna l-mejtin. Għalkemm inħossu n-nuqqas tagħhom u nitolbu għalihom lil Alla biex fil-ħniena tiegħu jilqagħhom fil-ħajja eterna, aħna l-insara ma nħarsux lejn il-mewt bil-biża' għax nafu li mgħandhiex l-aħħar kelma fuq ħajjitna.

Aħna u nfakkru l-mejtin inkunu qegħdin niċċelebraw il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù għaliex permezz tal-Għid tiegħu tana d-don ta' ħajja ġdida.

> "Tkun imfaħħar, Mulejja, f'oħtna l-mewt tal-ġisem, li minnha l-ebda ħaj ma jista' jaħrab. Ħażin għal min imut fid-dnub il-mejjet. Ħienja dawk li l-mewt issibhom jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħek, għax il-mewt l-oħra ma tagħmlilhom l-ebda ħsara" *(S. Franġisk)*

*Matul dan ix-xahar kull nhar ta' Erbgħa, il-Ġimgħa u l-Ħadd ikun hemm il-Quddiesa fil-11.30am fiċ-ċimiterju. Fil-11.00am jingħad ir-Rużarju.*

*Il-quddiesa tal-Ġimgħa filgħaxija fil-parroċċa tkun iċċelebrata b'suffraġju għal dawk li ktibtu isimhom fuq il-karti li tqassmu. Tistgħu tħallu l-envelope bl-ismijiet fil-qoffa fuq l-altar ta' Sant'Antnin.*

## Il-Mewt mhix tal-Biza'

*(miktuba minn Henry Scott Holland,*
*Kanonku tal-Kattidral ta' San Pawl, Londra)*

Il-mewt mhi xejn ta' barra minn hawn. Kull ma ġara hu li jien tlaqt bil-kwiet fil-kamra ta' ħdejk. Xejn ma ġara. Jien bqajt jien, kif inti int, u l-ħajja ta' qabel fejn konna flimkien ma ntmessitx, kollox għadu l-istess. Dak li konna għal xulxin, hekk għadna. Sejjaħli b'ismi. Kellimni bil-mod sempliċi kif kont tkellimni qabel. Tużax tonalità differenti. Tkellimnix b'mod serju sfurzat jew mimli niket. Idħak kif dejjem dħakna biċ-ċajt li kien idaħħakna. Ilgħab, tbissem, aħseb fija, itlob għalija. Ħalli ismi jkun preżenti f'darek kif dejjem kien. Semmini mingħajr sforzi. Il-ħajja għadha l-istess bħal qabel. Għad hemm kontinwità assoluta. Għaliex għandek tinsini għax mgħadekx tarani? Jien qiegħed nistennik, għal ftit taż-żmien, x'imkien qrib ħafna tiegħek, wara l-kantuniera. Kollox huwa sew. Xejn ma ntilef, xejn mhu mweġġgħa. Mument ċkejken, u kollox jerġa' jsir kif kien qabel. Kemm sa nidħku bina nfusna għad-dwejjaq tal-firda, meta nerġgħu niltaqgħu!

# Kliem il-Qaddisin



Hekk kif qegħdin nersqu lejn it-tmiem tas-sena liturġika, l-attenzjoni tagħna issa ddur lejn il-festi sbieħ tal-Qaddisin kollha u tal-Erwieħ kollha. Dawn il-festi jfakkruna fl-għeżież tagħna li għaddew qabilna għall-ħajja ta' dejjem u jdaħħluna fina dnfusna biex niftakru li d-dinja materjali tgħaddi; għalhekk tajjeb nagħmlu eżami tal-kuxjenza kif qegħdin ngħixu ħajjitna. Ħafna qaddisin issieħbu ma' Kristu fir-rebħa tiegħu fuq il-mewt.

Dawn huma l-aħħar kelmiet ta' wħud mill-akbar qaddisin tal-Knisja. Jalla kliemna jkun jixbaħ lil tagħhom:

| | |
|---|---|
| *Santu Wistin* | Tkun magħmula r-rieda tiegħek. Ejja Mulej Ġesù. |
| *Santa Bernadette* | Qaddisa Marija, itlob għalija, midinba fqira. |
| *Santa Eliżabetta Seton* | Kunu wlied il-Knisja. |
| *Sta Fawstina* | Illum il-Majestà ta' Alla qed iddawwarni. Jiena mħaddna kompletament minn Alla. Imħabbtu qegħda tqabbad bil-fjammi lil ruħi. Naf biss li jien inħobb u li jien maħbuba. |

| | |
|---|---|
| *San Franġisk t'Assisi* | Jien għamilt il-parti tiegħi, il-Mulej jgħallimkom tagħmlu tagħkom. |
| *Santa Ġwanna t'Arc* | Ġesù, Ġesù, Ġesù. |
| *San Gwanni Pawlu II* | Ħalluni mmur f'dar Missieri. |
| *Santa Perpetwa* | Żommu sħiħ fil-fidi u ħobbu lil xulxin. |
| *San Piju ta' Pietrelcina* | Ġesù, Marija. |
| *Santa Tereża t'Avila* | O Mulej tiegħi, għarus tiegħi, is-siegħa li ili nixxennaq għaliha issa waslet. Wasal il-ħin li issa niltaqgħu flimkien. |
| *B. Tereża ta' Kalkutta* | Ġesù nħobbok. Ġesù nħobbok. |
| *Santa Tereżina* | Wasalt f'punt fejn ma nistax inbati aktar, għax kull tbatija hija ħelwa għalija. Alla tiegħi, inħobbok. |
| *San Tumas Becket* | Kieku x-xwabel tal-Ingilterra kienu ppuntati lejn rasi, xorta t-theddid tagħkom mhux sa jċaqlaqni. Jien lest li mmut għall-Mulej tiegħi, sabiex b'demmi l-Knisja tikseb il-libertà u l-paċi. |
| *San Tumas Moore* | Jien sa mmut bħala l-qaddej fidil tar-Re, imma l-ewwel ta' Alla. |



*Infakkrukom li kull nhar ta' Tlieta bejn id-9am u nofsinhar ikun hemm l-adorazzjoni ewkaristika fil-kappella taċ-Ċentru Parrokkjali u nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir l-Adorazzjoni Ewkaristika komunitarja.*

## Djakni ġodda



Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru saret l-Ordinazzjoni tad-djakonat ta' seba' żgħażagħ Maltin. Dawn id-djakni rċevew il-ministeru li jxandru l-Kelma ta' Alla u li jaqdu lill-aħwa bil-ħajja tagħhom u bis-sehem fil-liturġija. Fosthom hemm patri Allister Aquilina li huwa Franġiskan Konventwali u r-Rev. Claude Mifsud li qed iservi fil-parroċċa tal-Mellieħa li tagħmel parti mill-Unità Pastorali tagħna. Nifirħulhom u nitolbu għalihom ilkoll.

## ***Abbatini***

*Kull nhar ta' Sibt fit-3pm issir il-laqgħa tal-abbatini fil-Knisja. Għal aktar informazzjoni ċempel 77622275*



## Adolexxenti u Żgħażagħ

Mis-6 ta' Novembru ċ-Ċentru Parrokkjali sa jibda jkun miftuħ mis-7.30pm għal dawk kollha li għamlu l-Griżma tal-Isqof u issa jridu jkomplu jikbru f'ambjent ta' ħbiberija. Qed infasslu l-programm li sa jkompli jinbena bl-għajnuna tagħkom stess…… Nistennewkom!

## Kalendarju – Novembru 2015

**1** Solennità tal-Qaddisin Kollha. Fil-quddiesa tas-6.15pm nagħtu merħba lill-patrijiet il-ġodda.

**2** L-Għid tal-imwiet. Il-quddies filgħodu jkun fil-5.30, fis-6, fis-6.30, fis-7 u fis-7.30. Filgħaxija ssir quddiesa kkonċelebrata b'suffraġju għall-mejtin kollha tal-parroċċa fis-6.15pm

**5** Tifkira tal-mejtin Franġiskani. Il-quddiesa ta' filgħaxija tkun ikkonċelebrata mill-patrijiet tal-komunità.

**7** Tkun miftuħa l-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-10am u nofsinhar.

**7** L-ewwel sibt tax-xahar: Issir siegħa Adorazzjoni Ewkaristika qabel il-quddiesa tas-6.15pm.

**8** Il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa joħorġu jiġbru bieb bieb għall-ispejjeż tal-Festa Titulari. Inkunu ġenerużi biex inkunu nistgħu norganizzaw festa li fiha niċċelebraw l-imħabba t'Ommna Marija u l-ħbiberija ta' bejnietna bħala familja parrokkjali.

**8** Tberik taċ-ċimiterju u quddiesa kkonċelebrata mal-parroċċi ta' San Pawl il-Baħar u l-Qawra fl-4pm. Filgħaxija jkun hawn il-quddiesa fil-parroċċa bħas-soltu.

**21** Pizza night b'risq il-Festa fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.15pm. Min jixtieq jattendi għandu jħalli ismu fis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd mill-Kumitat Festa.

**24** Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja bejn il-5.15pm u s-6.15pm.

**28** Jibda l-Avvent li huwa żmien ta' stennija fil-ferħ għaliex nafu li l-Mulej sa jżomm kelmtu u ġej fostna. Fis-6pm issir il-mixegħla tal-girlanda fil-Knisja.